32001D0524



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tat-28 ta' Ġunju 2001
## li għandha x'taqsam mal-pubblikazzjoni tar-referenzi għall-istandards EN 13428:2000, EN 13429:2000, EN 13430:2000, EN 13431:2000 u EN 13432:2000 fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* in konnessjoni mad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

*(innotifikata bid-dokument bin-numru K(2001) 1681)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2001/524/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ [1], u b'mod partikolari it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-i *standards* u r-regolamenti tekniċi [2], kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE [3],

Billi:

(1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 94/62/KE jistabbilixxi illi l-Kummissjoni għandha tgħin sabiex tippromwovi l-prevenzjoni tal-formazzjoni ta' l-iskart mill-imballaġġ billi tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' *standards* xierqa Ewropej.

(2) L-Artikolu 10 tad-Direttiva 94/62/KE jindika illi l-Kummissjoni għandha tippromwovi, kif jixraq, it-tħejjija ta' l-i *standards* Ewropej li għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet essenzjali riferiti fl-Anness II ta' magħha.

(3) Meta l-imballaġġ jiġi ffabbrikat għal prodott speċjali skond l-i *standard* armonizzat li r-referenzi għalih ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, l-imballaġġ huwa preżunt li jħares il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, kif koperta b'dan l-i *standard* armonizzat.

(4) L-Artikolu 9 tad-Direttiva 94/62/KE tistabbilixxi illi l-Kummissjoni għandha tiżgura illi r-referenzi għall-i *standards* armonizzati li jħarsu l-ħtiġiet essenzali ddefiniti bid-Direttiva jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(5) L-Istati Membri huma meħtieġa illi jippubblikaw ir-referenzi ta' l-i *standards* nazzjonali li jittrasponu l-i *standards* armonizzati li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(6) Fis-sena 2000, il-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (CEN) approva ħames *standards* (l-EN 13428:2000, l-EN 13429:2000, l-EN 13430:2000, l-EN 13431:2000 u l-EN 13432:2000) f'linja mal-mandat li l-Kummissjoni ħarġet lil dan il-korp skond id-Direttiva 94/62/KE, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 98/4/KE. Dawn l-i *standards* ġew ippreżentati lill-Kummissjoni bħala *standards* armonizzati.

(7) Fis-sena 2000, meta kien qiegħed japplika l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 94/62/KE, il-Belġju qajjem oġġezzjoni formali rigward l-i *standards* armonizzati EN 13428:2000, EN 13429:2000, EN 13430:2000, EN 13431:2000 u EN 13432:2000, illi dawn l-i *standards* ma jissodisfawx għal kollox il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva.

(8) Fis-sena 2000, meta kienet qiegħda tapplika l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 94/62/KE, id-Danimarka qajmet oġġezzjoni formali rigward l-i *standards* armonizzati EN 13428:2000, EN 13429:2000, EN 13430:2000, u EN 13431:2000, illi dawn l-i *standards* ma jissodisfawx għal kollox il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva.

[1] ĠU L 365, tal-31.12.1994, p. 10.
[2] ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.
[3] ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18.

(9) Wara li kkonsultat lill-kumitat maħluq bid-Direttiva 98/34/KE u eżaminat l-i *standard* EN 13426:2000, il-Kummissjoni ma kenitx kapaċi taċċerta ruħha illi dan l-i *standard* ma jissodisfax fis-sħiħ il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, bl-eċċezjoni tal-ħtiġiet tat-tielet inċiż ta' l-Anness II(1) mad-Direttiva. Dan l-i *standard* armonizzat għandu għalhekk jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* bit-twissija li tiddikjara illi ma jkoprix il-ħtiġiet ta' dak l-inċiż.

(10) Wara li kkonsultat lill-Kumitat maħluq bid-Direttiva 98/34/KE u eżaminat l-i *standard* EN 13429:2000, il-Kummissjoni ma kenitx kapaċi taċċerta ruħha illi dan l-i *standard* ma jissodisfax fis-sħiħ il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, bl-eċċezzjoni tal-ħtiġiet tat-tielet inċiż ta' l-Anness II(1) mad-Direttiva. B'mod partikolari, dan l-i *standard* armonizzat ma jkoprix il-ħtieġa obbligatorja għal numru minimu ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet f'kondizzjonijiet ta' l-użu li normalment jistgħu jiġu mbassra, jew li jiddefinixxu metodu ta' test sabiex jikkontrolla dan in-numru minimu ta' vjaġġi jew rotazzjonijiet. Għalhekk, din id-Deċiżjoni mgħandiex tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(11) Wara li kkonsultat lill-Kumitat maħluq bid-Direttiva 98/34/KE u eżaminat l-i *standard* EN 13430:2000, il-Kummissjoni kienet kapaċi taċċerta ruħha illi dan l-i *standard* ma jissodisfax fis-sħiħ il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, kif speċifikati fl-Anness II(3a) mad-Direttiva. B'mod partikolari, l-i *standard* ma jkoprix il-ħtiġiet essenzjali li jistabbilixxu illi sabiex jiġi kkunsidrat riċiklabbli, l-imballaġġ irid jiġi ffabbrikat b'mod illi jgħin li jiġi rriċiklat ċertu materjal skond il-piż tal-materjali wżati. Skond it-tip tal-materjal użat għall-imballaġġ. Barra minn dan, l-i *standard* ma jkoprix il-ħtieġa mandata għal konsiderazzjoni oġġettiva dwar l-użu tas-sustanzi jew il-materjali li x'aktarx jikkawżaw problemi fl-irkupru u l-għażla qabel ir-riċiklaġġ, fil-proċess innifsu tar-riċiklaġġ jew fil-prodotti rriċiklati. Għalhekk, dan l-istandard ma għandux jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(12) Wara li kkonsultat lill-kumitat maħluq bid-Direttiva 98/34/KE u eżaminat l-i *standard* EN 13431:2000, il-Kummissjoni kienet kapaċi taċċerta ruħha illi dan l-i *standard* ma jissodisfax għal kollox il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, rigward valur minimu kalorifiku iktar baxx sabiex jippermettu l-ottimizzazzjoni ta' l-irkupru ta' l-enerġija. Barra minn dan, l-i *standard* ma jkoprix il-ħtieġa fil-mandat għal konsiderazzjon oġġettiva dwar l-użu tas-sustanzi jew il-materjali li x'aktarx jippreżentaw problemi fl-irkupru u l-għażla qabel l-irkupru ta' l-enerġija, jew fil-proċess innifsu ta' l-irkupru ta' l-enerġija. Għalhekk, dan l-i *standard* ma għandux jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(13) Wara li kkonsultat lill-kumitat maħluq bid-Direttiva 98/34/KE u eżaminat l-i *standard* EN 13432:2000, il-Kummissjoni ma kenitx kapaċi taċċerta ruħha illi dan l-i *standard* ma jissodisfax għalkollox il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE, kif speċifikati fl-Anness II(3a) u 3(d). Għalhekk, din id-Deċiżjoni trid tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

(14) Il-Kummissjoni issa ssejjaħ lis-CEN li jindaħal għax-xogħol sabiex jippromwovi dawk l-i *standards* li in parti jew għal kollox ma jissodisfawx il-ħtiġiet essenzjali ddefiniti f'din id-Direttiva.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-referenzi għall-istandard armonizzat EN 13428:2000 huma ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fil-għamla mogħtij fl-Anness akkumpanjat bit-twissija li ġejja:

"L-utenti ta' l-i *standard* armonizzat EN 13428:2000 għandhom jinnotaw illi dan l-i *standard* ma jkoprix il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE kif speċifikati fit-tielet inċiż ta' l-Anness II(1) ta' magħha."

Meta l-Istati Membri jippubblikaw ir-referenzi ta' l-i *standard* nazzjonali li jittrasponi l-i *standard* armonizzat EN 13428:2000, il-pubblikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn twissija identika għal dik iprovvduta għall-ewwel inċiż.

*Artikolu 2*

Ir-referenzi għall-i *standards* armonizzati EN 13429:2000, EN 13430:2000 u EN 13431:2000 mhumiex ippubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*,

*Artikolu 3*

Ir-referenzi għall-i *standard* armonizzat EN 13432:2000 huma ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fil-għamla mogħtija fl-Anness.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Il-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' l-istandards armonizzati skond id-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ**

| L-ESB (1) | Ir-Referenza | It-Titolu ta' l-i*standard* armonizzat | Is-Sena tar-ratifika |
|---|---|---|---|
| Cis-CEN | EN 13428 | l-Imballaġġ – Il-ħtiġiet speċifiċi għall-fabbrikazzjoni u l-kompożizzjoni – il-Prevenzjoni permezz tat-tnaqqis mis-sors | 2000 |

*Nota:* L-utenti ta' l-i*standard* armonizzat EN 13428:2000 għandhom jinnotaw illi dan l-i*standard* ma jkoprix il-ħtiġiet essenzjali tad-Direttiva 94/62/KE kif speċifikati fit-tielet inċiż ta' l-Anness II(1) ta' maghha.

| L-ESB (1) | Ir-Referenza | It-Titolu ta' l-i*standard* armonizzat | Is-Sena tar-ratifika |
|---|---|---|---|
| CEN | EN 13432 | Il-Imballaġġ – Il-Ħtiġiet għall-imballaġġ li jkun jista' jiġi rkuprat peremezz tal-kompost u l-bijodegradazzjoni – L-iskema tat-test u l-kriterji tal-valutazzjoni għall-aċċettazzjoni finali tal-imballaġġ | 2000 |

(1) ESB (il-korp Ewropew ta' l-Istandadizzazzjoni):

— CEN Rue de Stassart 36, B-1050 Brussel. Tel. (32-2) 550 08 11, fax (32-2) 550 08 19

— Cenelec Rue de Stassart 35, B-1050 Brussel. Tel. (32-2) 519 08 68, fax (32-2) 519 08 19

— ETSI F-06561 Valbonne Cedex. Tel. (33-4) 92 94 42 00, Fax (33-4) 93 65 47 16

*Nota:*

— Kull tagħrif li jirrigwarda d-disponibbiltà ta' l-i*standards* jista' jinkiseb jew mill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizazzjoni, li lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE, kif emendata bid-Direttiva 98/46/KE.

— Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* ma jimplikax illi l-i*standards* huma disponibbli fl-ilsna kollha tal-Komunita.

Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.